MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Numru. 577/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Joseph Decelis**

Kumpilazzjoni Numru: 577/2009

Illum, 05 ta’ Mejju 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Decelis, ta’ 26 sena, iben Harold u Maria Dolores Nee’ Spiteri, imwieled Pieta’ nhar il-5 ta’ Jannar, 1983 u residenti fil-fond Flat 6, Block C, Triq Binja Hersi, Santa Venera u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 48683M.

Akkuzat talli fil-15 ta' Gunju, 2009, ghall-habta ta' 14:15hrs, mill-bar tal-Kazin tal-Banda San Guzepp tal-Hamrun, ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jecceddi il- €232.94 u mhux izjed minn €2,329.37, liema serq huwa aggravat, bil-mezz u bil-valur ghad-dannu tal-barman ta' l-istess kazin Manuel Attard u tal-istess socjeta tal-Banda San Guzepp tal-Hamrun.

Akkuzat talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom meta kienu jaf li l-haga kienet gejja minn serq.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fil-kazin tal-Banda San Guzepp tal-Hamrun, liema hsara tiskorri il-€350 izda inqas minn elf u mija u tnejn u sittin Euro (€1162).

U aktar talli kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 ta' Frar, 2008 b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sittax il-xahar.

Rat l-artikoli 261(b)(c), 263, 267, 325(1)(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikloi 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan huwa kaz li jirrigwarda serq li sar mill-Kazin tal-Banda San Guzepp tal-Hamrun nhar il-15 ta' Gunju 2009.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-gurnata in ezami certu Yano Attard kien qieghed fil-Kazin (li kien maghluq) qed jaghmel xi xoghol meta sema' tisbieta, hgieg jinkiser u xi hsejjes ohra; hu kien fis-sular ta' fuq dak il-hin ghalhekk itawwal barra u ftit wara ra zewg persuni hiergin; dawn kienu persuna ta' nazzjonalita gharbija u l-imputat; f'idejn l-persuna barranija kien hemm basket tal-projector.

Illi dan Attard cempel lill-president tal-Kazin (Massimo Capitta) li mill-ewwel mar fuq il-post; flimkien ma Attard imxew fid-direzzjoni lil fejn Attard kien ra liz-zewg persuni sejjrin u fil-fatt lahquhom; dak il-hin il-basket tal-projector kien ghadu f'idejn il-persuna barranija; huma ma kellmuhomx imma baqaw sejrin l-ghassa.

Illi mill-ghassa Attard u Cappitta regghu marru l-Kazin u meta dahlu sabu li kien rega dahal l-istess persuna barranija, din id-darba wahdu; hu kellu turnavit f'idejh u aggredihom bih biex seta' jahrab.

Illi b'kollox mill-Kazin insterqu mhux biss il-basket tal-projector b'xi accessorji fih imma zewg *cameras* u mitejn Euro (€200) mill-cash register tal-bar tal-kazin. In oltre irrizulta mid-depozizzjoni ta' Massimo Capitta li l-hsara kkawzata fil-kazin, principarjament il-hgiega li tkissret, kienet tiswa xi mitejn Euro (€200).

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Decelis huma erba' u cioe serq aggravat bil-mezz u l-valur, ricettazzjoni, hsara volontarja u ksur ta' liberta kondizzjonata.

Illi dwar l-imutazzjoni ta' serq ghandu jigi rilevat li kif fuq spjegat dan l-incident sehh f'zewg episodji fis-sens li l-ewwel dahlu l-imputat u persuna barranija u mbaghad dahal l-istess persuna barranija wahdu. Meta l-imputat u l-persuna barranija kienu flimkien, wara li sgassaw tieqa u dahlu fil-Kazin, hargu mill-Kazin bil-basket tal-projector, li skond Emanuel Attard flimkien ma' l-accessorji li kien

hemm fih kien jiswa xi sebghin Euro (€70), f'idejhom; fir-realta kien f'idejn il-persuna barranija pero l-provi juru li l-imputat kien mal-persuna barranija l-hin kollu waqt dan l-ewwel episodju.

Illi ghalkemm jirrizulta li nsterqu affarijiet ohra mill-Kazin mill-provi ma jirrizultax li meta dawn l-affarijiet l-ohra insterqu, cioe hux miz-zewg persuni flimkien jew meta rega' dahlet l-persuna barranija wahedha. Konsegwentement l-imputat jista' jinstab hati biss ta' serq aggravat bil-mezz (tenut kont ta' l-sgass) u mhux bil-valur ukoll stante li l-basket tal-projector u l-accessorji li kien hemm fih jiswew biss sebghin Euro (€70).

Illi t-tieni imputazzjoni hija dik ta' ricettazzjoni. Din hija alternativa ghall-ewwel imputazzjoni ta' serq li taghha qed jinstab hati l-imputat ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni imputazzjoni.

Illi t-tielet imputazzjoni hija dik ta' hsara volontarja. Mill-provi jirrizulta ampjament li biex l-imputat, flimkien ma persuna ohra, dahal gol-Kazin kissru tieqa; skond ix-xhud Massimo Capitta, li anke ta indikazzjoni tad-daqs ta' din it-tieqa, il-hsara kienet tiswa xi mitejn Euro (€200). Huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna li l-kwantum tad-danni jista' jigi stabbilit jew minn espert nominat ghal dak il-ghan, jew mix-xhieda tal-parte leza, jew minn apprezzament tal-gudikant. Konsegwentement l-Qorti hija tal-fehma li din it-tielet imputazzjoni giet sodisfacjentent pruvata fil-limitu ta' dak predispost f'l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-raba imputazzjoni hija dik ta' ksur ta' liberta kondizzjonata.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li fit-22 ta' Frar 2008 l-imputat kien instab hati ta' pussess ta' droga u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sittax il-xahar. Il-fatti li taw lok ghal proceduri odjerni sehhew fil-15 ta' Gunju 2009 cioe entro s-sittax il-xahar mid-data ta' dik is-sentenza; ghalhekk din ir-raba' imputazzjoni hija pruvata ukoll u l-Qorti ser tghaddi biex titratta ma'l-imputat

ghar-reat li tieghu instab hati permezz tas-sentenza imsemmija.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni.

Illi l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qeed jinstab hati l-imputat. Il-Qorti pero ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat ghandu problema b’l-abbuz tad-droga u li jidher li issa qed jindirizza b’mod effettiv din il-problema. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija disposta taghti l-ahhar opportunita lill-imputat biex verament jirriforma ruhu u jirriabilta ruhu mill-vizzju tad-droga. Ghalhekk il-Qorti ser timponi multa ghar-reat li tieghu instab hati fit-22 ta’ Frar 2008 u ser tpoggih taht probation ghar-reati odjerni taht numru ta’ kundizzjonijiet inkluz dawk li ma jiehux sostanzi llecieti, li jkompli sa tmienu l-programm ta’ riabilitazzjoni li diga beda,  u li wara li jispicca dan il-programm jissottometti ruhu ghal dawk it-testijiet kollha li jindikalu l-ufficjal tal-probation biex jigi accertat li mhux qed jiehu sostanzi illecieti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ghar-ragunijiet fuq premessi tastjeni tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(b), 263, u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikloi 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu b’dan li ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazjzoni huwa qed jinstab hati ta’ serq aggravat bil-mezz biss u mhux b’l-aggravju tal-valur mill-liema aggravju qed tilliberah u ghar-reati li taghhom qed jinstab hati llum qed tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre l-Qorti qed taghzel li titratta ma’l-imputat ghar-reat li tieghu nstab hati fit-22 ta’ Frar 2008 daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati u ta’ dan ir-reat tikkundannah multa ta’ hames mitt Euro (€500) pagabbli fi zmien sena.

Il-Qorti spejgat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-probation biex jigi assenjat ufficjal ghas-sorveljanza ta'l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------